



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

6.10.2010

0074/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-isterminju sieket tar-rinoċeronti fl-Afrika awstrali

**Aldo Patriciello, Alfredo Pallone, Gabriele Albertini, Barbara Matera,
Licia Ronzulli**

Data ta' skadenza: 20.1.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-isterminju sieket tar-rinoċeronti fl-Afrika awstrali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi f'diversi pajjiżi tal-kontinent Afrikan ilu għaddej għal snin sħaħ il-qtil sieket tar-rinoċeronti pperpetrat mill-kaċċaturi illegali mingħajr skrupli li jikkostitwixxu l-ponta tal-iceberg tal-organizzazzjonijiet kriminali speċjalizzati fit-traffiku klandestin tal-qrun u l-ġlud tal-annimali,
 - B. billi fil-kontinent l-iswed fadal biss 18,000 eżemplari ta' rinoċeronti (paragunati mal-65,000 tal-1970) u li fl-2010 il-kaċċa illegali tar-rinoċeronti laħqet il-quċċata storika tagħha, bir-riskju konsegwenti tal-estinzjoni,
 - C. billi l-valur tal-qarn tar-rinoċeronti jiġġenera kuntrabandu illegali l-aktar lejn pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Vjetnam fejn hemm talba għalih minħabba l-valur mediċinali kbir tiegħu, u lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-avorju jintuża biex jinħadmu l-imqabad tas-sjuf prezzjużi,
 - D. billi minkejja l-ħolqien ta' parki protetti, il-kaċċaturi illegali xorta jirnexxielhom, b'rīhet tekniki li ilhom sperimentati, jinnarkotizzaw fi ftit minut i-l-annimali u jaqtgħulhom il-qarn prezzjuż bl-użu tas-sega elettrika,
1. jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill
 - li jirrikonoxxu l-kaċċa illegali spekulattiva bħala traġedja tabilħaqq tar-riżervi tal-annimali Afrikan,
 - li jidentifikaw soluzzjonijiet li jwasslu li dan il-qtil jieqaf permezz ta' attività ta' taħriġ tal-persunal lokali maħsuba li toħloq unità ta' kontra l-kaċċa illegali bil-ħila li tnaqqas id-diffużjoni drastika tal-fenomenu;
 2. jitlob li tkun ivverifikata l-possibilità li jinħolqu azzjonijiet finanzjarji ta' sostenn;
 3. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti tal-Istati Membri.